22 ta' Mejju, 1945.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Prof. Onor. Albert V. Bernard, C.B.E., M.D., D.P.H., ne

*versus*

Victor Attard et.

**Istituti Karitatevoli — Reviżjoni tar-Retta Pagabbli Minn Min Jiġi Rikoverat Fihom — "Negotiorum Gestio" — Retroattività — Kondizzjoni Potestativa — Preskrizzjoni.**

*Meta l-Gvern jakkolji u jmantni ċittadin f'istitut karitatevoli, dan jagħmlu mingħajr ma huwa obbligat; u għandu jiġi kunsidrat bħala terza persuna li tippresta l-alimenti bil-ħsieb li terġa' teħodhom lura. Il-Gvern jaġixxi bħala "negotiorum gestor".*

*Il-Kummissarji tal-Karità għandhom dritt jirrivedu minn żmien għall-ieħor ir-retta pagabbli għal dak il-manteniment u kura mill-persuni li ma jappartjenux lill-klassi fqira. Din ir-reviżjoni tista' ssir mhux biss biex tiġi ridotta dik ir-retta, imma anki biex tiġi awmentata, u meta tiġi awmentata tista' ikollha effett retroattiv.*

*Dan l-awment tar-retta huwa applikabbli b'effett retroattiv anki jekk bejn il-Gvern u l-persuna obbligata tħallas dik ir-retta jkun sar ftehim dwar l-ammont ta' dik ir-retta. Għax iċ-ċittadin jiġi ammess fl-istitut karitatevoli taħt dik il-kondizzjoni, li hija stabbilita fir-Regolamenti; u dik il-kondizzjoni ma hix potestativa mera, u għalhekk ma hix nulla.*

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tal-Gvern għall-ħlas ta' dik ir-retta hija dik ta' ħames snin, u mhux dik ta' sentejn.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, bħala żewġ l-imsemmija Carmela Attard, u l-istess konvenut bħala kuratur tal-wirt battal ta' l-istess Carmela Attard, jew min minnhom, kif jirriżulta mill-provi, huma debituri tiegħu fis-somma ta' £183. 7. 6 għal spejjeż ta' kura u manteniment ta' l-istess Carmela Attard fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, bir-rata addizzjonali ta' 2s. kuljum mill-1 ta' Frar 1938 sal-31 ta' Diċembru 1942, u bir-rata ta' 2s. 6d. mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar 1943, kif ġie stabbilit mill-Kummissarji tal-Karità b'riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 1943 (dok. A annessa maċ-ċitazzjoni); talab illi l-konvenut proprio et nomine, jew f'wieħed mill-imsemmija kwalitajiet, jiġi kundannat iħal-

lus lilu l-imsemmija somma ta' £185. 7. 6 għar-raġunijiet fuq indikati; bl-imgħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra *uffiċjali* tal-21 ta' April 1943;

Tikkunsidra fuq il-kwistjoni sollevata mill-konvenut, illi r-rata pagabbli għall-kura u għall-manteniment ta' l-imsemmija Carmela Attard fl-Isptar fuq imsemmi, stabbilita f'sitt soldi kuljum, ma tistax tiġi awmentata għall-imgħoddi;

*Illi din il-kwistjoni ġà ġiet definita mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Re b'sentenza tas-26 ta' Ġunju* 1931 mogħtija fil-kawża "Felice Mercieca ne. vs. Marianna Spiteri et.". Dik l-Onorabbli Qorti riteniet illi, kif opportunament ġie stabbilit mill-istess Qorti fit-22 ta' Jannar 1920 fil-kawża "Benjacar vs. Galdes", meta l-Gvern jikkura u jmantni ċittadini, dana jagħmlu mingħajr ma huwa obligat li jagħmlu, u għandu jiġi kunsidrat bħala terza persuna li tippresta l-alimenti lil persuna estranea bil-ħsieb li tieħu lura l-ispiża. Il-Gvern jaġixxi bħala "negotiorum gestor", u kultant b'mandat taċitu jew espress. Il-Qorti ta' l-Appell, inoltri, irriteniet, fl-imsemmija sentenza fil-kawża "Mercieca vs. Spiteri", illi l-fatt li tiġi stabbilita retta ta' tant kuljum għall-kura u għall-manteniment tal-pazjent, ma hux ta' ostakolu li din ir-rata tiġi riveduta, għaliex skond ir-regolamenti għall-gwida tal-Kummissjunarji tal-Karità dawn il-kummissjunarji għandhom id-dritt li jirrivedu minn żmien għall-ieħor ir-retta pagabbli mill-persuni li ma jappartjenux għal klassi fqira għall-manteniment tagħhom, u min jikkuntratta ma' xi istitut karitatevoli, jew jirċievi l-kura u l-alimenti minn xi wieħed minn dawk l-istituti, neċessarjament jissoġġetta ruħu għal dawk ir-Regolamenti, għaliex għandu jiġi preżunt li huwa jaf il-kondizzjonijiet tal-kontraent l-ieħor. Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell irriteniet ukoll illi r-reviżjoni tar-retta tista' ssir mhux biss sabiex din tiġi ridotta, imma anki sabiex tiġi miżjuda, u anki b'effett retroattiv, meta għas-saħħa ta' informazzjonijiet li jirċievu l-Kummissjunarji fuq il-patrimonju tal-pazjent dawn ikunu fi grad li jaċċertaw ruħhom li l-pazjent kien f'kondizzjoni li jikkontribwixxi retta akbar; għaliex hija antiġuridika l-limitazzjoni tal-poter tar-reviżjoni akkordat lill-Kummissjunarji għar-riduzzjonijiet biss u mhux ukoll għall-awmenti tar-retta stabbilita fi żmien preċedenti lil wieħed

jiddeskrivi dana mit-tieni paragrafu tas-suċċitat regolament 21, li jsemmi biss ir-riduzzjoni; għaliex l-iskop ta' dan it-tieni paragrafu huwa invece evidentement dak li jippreskrivi illi, waqt li l-awmenti tar-retta jistgħu jirċievu applikazzjoni u eżekuzzjoni mingħajr bżonn li l-każ jiġi riferit lill-Gvern għad-deċiżjoni, meta 'invece r-reviżjoni suġġerita tikkonsisti f'riduzzjoni jew fl-eżenzjoni ta' kull ħlas, dak is-suġġeriment tal-Kummissjunarji mhux deċiżiv mingħajr is-sanzjoni tal-Gvern; u l-virtù retroattiva lanqas ma hija vjetata mid-dizzjoni tar-regolament 24, u preċiżament mill-kliem "to be paid" li jidħru li jalludu għall-quddiem; għaliex l-istess espressjoni taddatta ruħha ugwalment għall-ħlas arretrat, jew aħjar għall-flus li l-Gvern ikollu dritt jirripeti; liema ripetizzjoni għandha anki hija karattru ta' fatt li għad għandu jiġi;

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut issottometta illi fil-każ preżenti mhix konċepibili n-"negotiorum gestio", għaliex hemm ftehim bejnu u l-attur nomine li huwa għandu jħallas retta ta' sitt soldi kuljum, u gà la darba hemm dak il-ftehim l-attur nomine ma jistax ibiddlu waħdu mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra. Għandu jiġi notat, iżda, li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq indikata ġiet mogħtija f'każ identiku għal dak preżenti, għaliex anki f'dak il-każ kienet ġiet stabbilita retta ta' 4d. kuljum. Il-pretensjoni tal-konvenut, illi gà la darba hemm ftehim dak il-ftehim ma jistax jitbiddel mill-Kummissjunarji tal-Karità għall-imgħoddi, ma tistax tiġi milqugħa, għar-raġuni illi t-tbiddil isir in forza tal-kondizzjonijiet li taħthom il-Gvern jirrikovera fl-istituti persuni mhux fqar għal kollox; għal liema kondizzjonijiet assoġġetta ruħu l-konvenut meta kkuntratta għall-kura u għall-manteniment ta' martu billi, kif irritenjet il-Qorti ta' l-Appell, huwa seta' u kien imissu jkun jaf b'dawk il-kondizzjonijiet, appuntu għaliex riżultanti mir-Regolamenti fuq indikati;

Tikkunsidra fuq il-kwistjoni l-oħra sollevata mill-konvenut, illi l-kondizzjoni fuq indikata hija kondizzjoni merament potestativa, u hija kwindi nulla l-obligazzjoni kontratta taħtha;

Illi hija kondizzjoni potestativa dik il-kondizzjoni li ġġiegħel l-obligazzjoni tiddependi minn avveniment li jkun fil-

poter ta' waħda jew l-oħra mill-partijiet kontraenti li jimpedixxi jew li ġġagħelu li jissuċċiedi;

Illi r-reviżjoni tar-rata stabbilita ssir sabiex jiġi aċċertat jekk tbiddlux il-mezzi ta' min ikun qiegħed iħallas dik ir-rata, u l-awment isir għall-inqgħoddi jekk jirriżulta illi l-kondizzjoni ekonomika ta' min kien qiegħed iħallas ir-rata ġà stabbilita kienu jippermettulu jħallas rata akbar, u ġiet fissata dik ir-rata iżgħar appuntu għaliex allura dawk il-mezzi ma kienux konoxxuti. L-awment tar-rata, għaldaqstant, ma jiddependix mill-volontà tal-parti l-oħra kontraenti, ossija tal-Kummissjunarji tal-Karità, għaliex inveċi jiddependi mill-mezzi tal-persuna li tħallas—ħaġa li ċertament ma tiddependix mill-volontà tal-Kummissjunarji; u għalhekk ma tqumx din il-kwistjoni sollevata mill-konvenut;

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni tal preskrizzjoni;

Illi, kif ġie ritenut f'bosta sentenzi tat-Tribunali Tagħna, fosthom dik tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-10 ta' Novembru 1933 mogħtija fil-kawża "Mercieca vs. Sciberras", il-preskrizzjoni applikabbli mhix dik ta' sentejn kontemplata fl-art. 1913 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, imma dik ta' ħames snin kontemplata fl-art. 1920 ta' dik l-Ordinanza; u għalhekk il-preskrizzjoni għandha tiġi milqugħa limitatament għaż-żmien li għadda aktar mill-aħħar ħames snin qabel l-interpellazzjoni għall-ħlas magħmula bl-ittra uffiċjali indikata fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri għaż-żmien mill-1 ta' Frar 1938 sal-24 ta' April ta' dik is-sena, u kwindi għas-somma ta' £8. 6. 0, jiġifieri għall-ħlas ta' 2s. kuljum għal 83 ġurnata;

Tikkunsidra fil-meritu;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni limitatament għaż-żmien indikat fil-motivazzjoni ta' din is-sentenza, u kwindi għas-somma ta' £8. 6. 0, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, purkè l-konvenut jaħlef quddiem ir-Reġistratur, fi 15-il ġurnata żmien mil-lum, skond kif jingħad fl-art. 1924 ta' l-Ordinanza ċitata;

Tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £175. 1. 6, u għalhekk tikkundanna lill-konvenut, tenut mill-Ġgi għall-mantenument ta' Carmela Attard martu, iħallas lill-attur nomine dik is-somma ta' £175. 1. 6, flimkien ma sehem

ekwivalenti għal 22/23 mill-ispejjeż tal-kawża u relattivi. Fil-każ li l-konvenut jonqos jieħu l-ġurament fuq indikat, it-talba għandha tiġi kunsidrata milqugħa għas-somma kollha indikata fiċ-ċitazzjoni, u l-ispejjeż kollha, komprizi dawk relattivi għad-*deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni*, jibqgħu a kariku tal-konvenut.